MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 471/2010

**Anthony Ferriggi**
**Vs**
**Mark u Michelle konjugi Randon**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar l-4 ta' Novembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuh s-somma ta' hamest elef sitt mija hamsa w hamsin Ewro w tmienja w ghoxrin centezmu (€5,655.28) rapprezentanti  xoghol ta' *ironmongery* mibjugh bl-ingrossa u debitament ikkonsenjat lilhom sabiex ibieghuh fil-hanut taghhom maghruf bhala 'Boats & Sails' liema hanut jinsab 15/17 Enrico Mizzi Street, Ta Xbiex.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 3789/10 ipprezentat kontestwalment mar-rikors promotur u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull *invoice* sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma ingunti in subizzjoni

Rat illi fit-12 ta' Novembru 2011 il-konvenuta Michelle Randon giet notifikata bl-atti tal-kawza, kif jirrizulta mit-timbru tal-Purtier Mario Mizzi a fol. 5 tal-atti.

Rat illi l-konvenut Mark Randon gie notifikat bir-rikors promotur permezz t'affissjoni li saret mar-residenza tieghu, fil-Kunsill Lokali ta' B'kara w fl-ghassa tal-Pulizija ta' B'kara w dan kif jirrizulta mir-riferti relattivi maghmula mill-Mairxxal Eugenio Mallia w indikati fil-process a fol. 17 tergo.

Rat illi fil-25 ta' Marzu 2011 il-konvenut Mark Randon gie wkoll notifikat bir-rikors promotur permezz t'estratt li gie pubblikat fil-gazzetta tal-Gvern, liema kopja tinsab esebita fl-atti a fol. 14.

Rat illi fit-12 ta' April, 2011 il-konvenut Mark Randon gie notifikat ukoll permezz t'estratt li gie pubblikat fil-gazzetta lokali "The Malta Independent" (fol.19).

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' April 2011 l-konvenuti ma dehrux.

Rat illi mill-atti processwali ma jirrizultax li sar il-pagament mitlub fir-rikors promotur u ghalhekk dan ghadu dovut fl-intier tieghu.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li t-talba attrici ghandha tigi milqugha w ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dik is-somma msemmija fir-rikors promotur ta' hamest elef sitt mija hamsa w hamsin Ewro w tmienja w ghoxrin centezmu (€5,655.28) u dan ghar-ragunijiet hemm imsemmija.**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju a karigu tal-konvenuti w bl-imghax legali kif mitlub fir-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------